Il-Kummissjoni Ewropea

# IL-PROGRAMM **FISCALIS**



#EUBudget #FutureofEurope #FairTaxation

Ġunju 2018

## BAĠIT ŻGĦIR. VALUR MIŻJUD KBIR:

Il-**programm Fiscalis** huwa essenzjali għall-ħidma u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa. Fiscalis jgħin lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa filwaqt li jiffaċilita l-konformità mat-taxxa biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta. Fiscalis jgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku u jinkoraġġixxi l-kompetittività tal-UE.

### EUR 270 MILJUN BIEX JAGĦMEL L-AMMINISTRAZZJONIJIET TAT-TAXXA KONNESSI AĦJAR U AKTAR EFFIĊJENTI

Inqas minn 0.05 % tal-pakkett totali għall-2027-2021

Ejjew naraw kif se nkomplu nibnu fuq il-ħidma tagħna biex tittejjeb il-kooperazzjoni fit-taxxa fl-UE:

#### SISTEMI KONNESSI AĦJAR

L-iżvilupp u ż-żamma ta' soluzzjonijiet interoperabbli u kosteffettivi tal-IT biex jappoġġaw lill-awtoritajiet tat-taxxa fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

- *Aktar minn 25 sistema tal-IT li jinterkonnettjaw lill-awtoritajiet tat-taxxa Ewropej li jistgħu jgħinu biex jidentifikaw il-problemi u tiġi miġġielda l-frodi.*

#### AKTAR EFFIĊJENZA

Il-kooperazzjoni, l-iskambju ta' prattiki tajba u t-taħriġ li jsaħħaħ l-effiċjenza.

- *Sa mill-2014, 423,000 professjonist tat-taxxa ġew imħarrġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni konsistenti tar-regoli tat-taxxa.*

#### TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI FIL-POST

Kollaborazzjoni fl-IT aħjar, ġestjoni konġunta tar-riskju u verifiki madwar l-UE.

- *EUR 591 miljun f'taxxi stmati għal irkupru possibbli permezz ta' kontrolli konġunti tal-UE f'sena waħda biss (2015).*
- *Aktar kapaċità fil-ġlieda kontra l-frodi permezz ta' kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien. Aktar minn 1,000 azzjoni konġunta organizzati sa mill-2014.*

#### APPOĠĠ GĦAS-SUQ UNIKU

It-trawwim tal-kompetittività tal-Unjoni, spinta lill-innovazzjoni, iffaċilitar tal-implimentazzjoni ta' mudelli ekonomiċi ġodda.

- *Jiġu żviluppati għodod aħjar li jistgħu jittrattaw ma' mudelli ekonomiċi bħall-kummerċ elettroniku, l-ekonomija kollaborattiva u l-blockchain.*

Luxembourg: Publications Office of the European Union, 2018
© European Union, 2018
Print ISBN 978-92-79-87269-3 doi:10.2778/481326 KP-01-18-583-MT-C | PDF ISBN 978-92-79-87216-7 doi:10.2778/363334 KP-01-18-583-MT-N